# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 24 ta' Frar 2017**

**Kawza Numru : 8**
**Rikors Numru : 322/2010/JPG**

**L-Avukat Dottor Patrick J Galea Karta**
**ta' l-identita' 639759(M) bhala Prokuratur Specjali tal-Bank**
**Esteru Raiffeisen Zentralbank Öesterreich Aktiengesellschaft**
**U b'digriet tal-11 ta' Frar, 2011 gie ordnat il-legittimu mozzjoni**
**Tal-atti fis-sens illi l-isem il-Bank rikorrenti jinbidel minn Raiffeisen**
**Zentral bank Öesterreich AG ghal Raiffeisen Bank International AG.**

**VS**

**Safinat An-Najaat Petroleum Company Limited, C-31556**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr. Patrick J. Galea Nomine fil-kwalita' tieghu premessa, datat 6 ta' April 2010, (a fol 1 et seq), li jaqra hekk:

*1. Illi l-iskop ta' din it-talba hija likwidazzjoni kundanna hlas ta' danni minhabba nuqqas u vjolazzjoni kontrattwali tas-socjeta' konvenuta li kkawzat danni lill-attrici. Il-fatti huma li l-*

*konvenut harget "storage warrant" datat 21ta' Marzu 2008, numru 006-SP-08, kopja esebita Dok "B", favur is-socjeta' attrici, fejn dahlet f'obbligazzjoni li inter alia ma tirrilaxxax il-prodott petroliferu mahzun ghandha u fil-fatt irrilaxxjatu; is-socjeta' intimata hija socjeta' registrata f'Malta mar-Ragistratur tal-Kumpaniji b'numru ta' Registrazzjoni C-31556;*

*2. Illi l-intimata konvenuta permezz ta' l-"storage warrant" imsemmi kienet accettat kwantita' ta' miljun erba' mija u erbgha u hamsin elf, sitt mija u hamsa u erbghin tonellati metrici (1,454,645 mt) prodott petroliferu ghall-konsenja (storage): din l-accettazzjoni mill-konvenuta kienet taht il-kondizzjonijiet indikata fl-istess "storage warrant" u cioe' inter alia illi kellha zzomm il-prodott petroliferu ghall-ordni (to the order of) tas-socjeta' attrici u ma tirrilaxxjahx jew tiddisponi minnu minghajr istruzzjonijiet bil-miktub minn qabel permezz ta' telefax iffirmat;*

*3. Illi permezz ta' ittra datata 30 ta' Gunju 2008, Dok C, is-socjeta' intimata ikkonfermat illi kienet irrilaxxjat il-prodott petroliferu, cioe' id-diesel oil; illi dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni kontrattwali u kkawza danni naxxenti minn vjolazzjoni ta' dan l-obbligu kontrattwali lis-socjeta' esponenti;*

*4. Illi d-danni jikkonsistu filli dan il-prodott kien garanzija favur l-esponenti, li ghalhekk kellha wkoll interess proprietarju u interess ta' garanzija (security interest) f'tali prodott u allura l-hazna tieghu. Is-socjeta' attrici hija Bank Internazzjonali registrat fl-Awstria u attiv fuq is-swieq internazzjonali u kienet iffinanzjat lis-socjeta' Svizzera maghrufa Progetra SA, li hija kummercjali fil-prodotti petroliferi, ghall-akkwist taghha ta' dan il-prodott. Il-garanziji moghtija favur l-esponenti kienet tinkludi receivables pledge (rahan) fuq dan il-prodott petroliferu. Il-prodott kien pledged (mirhun) favur is-socjeta' esponenti u parti minn dan il-prodott kien mizmum mis-socjeta' intimata; illi ghandu jinghad illi d-debitur principali, is-socjeta' svizzera Progetra SA ma hallsitx u hija inadempjenti u ghalhekk l-esponenti mhux biss ma thallsitx izda minhabba nuqqas vjolazzjoni kontrattwali tas-socjeta' intimata tilfet il-garazija; illi jinghad fil-kuntest, kif jidher mid-dokument D, li mhux l-ewwel darba illi s-socjeta' intimata harget storage warrants u tablet awtorizzazzjoni lis-socjeta'*

*esponenti,lill-Bank attur, sabiex tirrilaxxja tali hazna ta' prodott: dan qed jinghad biex jintwera illi din il-prattika u procedura ripetuta kienet tali illi ziedet il-fiducja u l-affidament illi l-attrici kellha fis-socjeta' konvenuta minhabba esperjenza procedenti, Dok D;*

*5. ILLI sar Protest Gudizzjarju inutilment Dok E u ghalhekk ssir din il-kawza*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bil-qima lil din l-Onorabbli joghgobha:*

*(i) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' l-attrici in kwantu l-istess konvenuta ivvjolat u naqset mill-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha meta irrilaxxjat il-prodott petroliferu minghajr l-istruzzjonijiet u il-kunsens bil-miktub minn qabel, ta' l-esponenti permezz ta' fax iffirmat u konsegwentement irrendiet ruhha responsabbli ghad-danni;*

*(ii) Tillikwida d-danni hekk kawzati;*

*(iii) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici id-danni hekk likwidati;*

*(iv) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas imghax kummercjali bl-oghla rata permessa mil-Ligi mit-30 ta' Gunju 2008 jew min tali data ohra li tistabbilixxi l-Qorti li jibda jiddekorri l-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi

Rat ir-Risposta guramentata tas-socjeta' Safinat An-Najaat Petroleum Company Limited, datat 2 ta' Dicembru 2010, vide fol 44 et seq, li taqra hekk:

*L-eccezzjonijiet ta' hawn that ghandhom jiftehmu bhala indipendenti minn xulxin.*

1. *Fl-ewwel lok jigi eccepit illi ir-rikors promotorju hu monk billi ma gewx esibiti mis-socjeta' attrici dokumenti essenzjali ghall-ezami ta' din il-vertenza. Saret allegazzjoni*

*gratuwita illi s-socjeta' rikorrenti tat self lill Progetra SA –L-ebda document ma jissostanzja dan. Saret allegazzjoni illi Progetra SA ma hallsitx lura s-self u li l-bank tilef il-garazija – L-ebda document ma jissostanzja dan. Ghalhekk ir-rikors huwa null a tenur tal-artikolu 156(2) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jimmerita li jigi respint bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici;*

2. *Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ir-rikors hu intempestiv. Il-bazi tar-rikors promotorju hu illi s-socjeta attrici ma thallsitx minn Progetra SA. Biex din l-asserzjoni tkun veritiera il-Bank irid ikun istitwixxa l-passi legali kollha inkluz passi esekuttivi wara sentenza jew lodo arbitrali finali u ma rnexxilux jithallas. Peress illi l-kuntratt ta' self ma giex esebit ma kuwiex maghruf liema Qorti ghandha l-gurisdizzjoni fuq is-self jew jekk hemmx klawsola arbitrali. Inoltre r-rikors promotorju stess jghid li l-Bank kellu garanziji ohrajn barra dan iz-zejt biex jaghmlu tajjeb ghas-self. Dawn "ir-receivables", kif jissejjhu fir-rikors, forsi huma bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghas-self. F'kull kaz din il-kawza ma tistax issir hlief wara li l-bank ikun esawrixxa l-passi kollha legali bla rizultat pozittiv kontra Progetra SA. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici;*

3. *Bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet il-premessa tar-rikors promotorju fis-sens illi kien hemm xi rahan tal-markanzija de quo hija bla ebda bazi fattwali u legali. Bhala fatt is-socjeta intimata qatt ma kellha depozitata ghandha l-merkanzija de quo. Din il-mekanzija kienet f'idejn terzi meta giet rilaxxjata. Mill-aspett legali l-pussess fiziku hu element essenzjali tar-rahan. Ghalhekk ir-rikors huwa bla bazi;*

4. *Bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precedent jinghad ukoll illi s-socjeta' intimata agixxiet biss fil-kapacita' ta' forwarder jew forwarding agent ta' Progetra SA u ghaldaqstant, kif jixhed ukoll l-istess kuntratt bejn dawn il-partijiet (kopja ta' liema huma hawn anness u market "Dokument SAN1"), qatt ma' setghat ikollha kontroll u/jew pussess fiziku jew detenzjoni tal-prodott de quo.Is-socjeta' rikorrenti kienet pjenament konxja ta' dan il-fatt stante li kellha fil-pussess taghha kopja tal-istess kuntratt fornit mis-socjeta' Progetra SA. Inoltre' huwa opportun ukoll li jigi puntwalizzat illi l-attivita' ta'*

*storage ta' prodotti ta' din in-natura gewwa Makhachkala tirrikjedi licenzja mill-awtoritajiet kompetenti mentri s-socjeta' intimata mhijiex munita b'tali licenzja u qatt ma' kellha l-intenzjoni li tezercita tali attivita'. F'dan il-kaz l-istorage sar minn terzi persuni u ghalhekk dak li s-socjeta' rikorrenti intimata intiza biex tikkonferma illi vis-à-vis is-socjeta' rikorrenti ma kellhiex drittijiet jew gustijiet fuq il-prodott suggett ta' din il-vertenza. Ghalhekk hija l-imsemmija terza persuna illi ghandha tkun il-legittima kuntradittrici f'dawn il-proceduri;*

5. *Bla pregudizzju ghas-suespost, anki il-premessa tas-socjeta' rikorrenti li din hija kawza naxxenti minn obbligazzjoni kontrattwali hija zbaljata. Skond il-ligi civili ta' Malta ma jistax ikun hemm kuntratt, kemm bilaterali kif ukoll unilaterali (ghax il-ligi Civili ma taghmilx distinzjoni dwar dan) minghajr konsiderazzjoni. F'dan il-kas kwalunkwe obbligazzjoni, (hekk imsejjha) da parte tas-socjeta' intimata saret minghajr ebda korrispondent da parte tas-socjeta' rikorrenti. Ghalhekk a tenur tal-artikoli 966 (d) u 987 tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jezisti ebda kuntratt validu bejn il-partijiet;*

6. *Bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precendenti, ma hemm l-ebda ness kawzali bejn ir-rilaxx tal-merkanzija da parti tas-socjeta' intimata u l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti ma thallsitx minghand Progetra SA, is-socjeta' debitrici taghha. Ghalhekk ma jistghux jintalbu danni konsegwenzjali;*

7. *Inoltre u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedent, kull kuntratt bejn is-socjeta' rikorrenti u Progetra SA, huwa res inter alios acta fil-konfront tas-socjeta' intimata. Skond l-artikolu 999 (1) tal-kodici Civili, hadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruhu jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu. Ghalhekk ir-relazzjoni bejn il-Bank u Progetra SA ma jorbotx lill-eccipjenti. Huwa veru illi skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu wiehed jista' jobbliga ruhu lejn iehor, billi jwieghed xi haga li ghandha tigi maghmula minn persuna ohra; imma f'dan il-kaz ikun hemm relazzjoni kontrattwali dejjem bejn il-kontraenti principali (Il-Bank u Progetra) imma l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn it-terza persuna u l-kreditur principali.*

8. *Bls pregudizzju ghal premess, kif giet diga infurmata s-socjeta' rikorrenti, u kif jirrizulta ulterjorment waqt is-smigh tal-kawza, it-terza persuna li kellha l-pussess tal-merkanzija de quo kienet kostretta, minhabba cirkostanzi li fuqhom ma kellha ebda kontroll, illi tirrasferixxi l-merkanzija de quo. Dan a bazi tal-ligi vigenti fil-pajjiz fejn kienet tinzamm il-kazna (kopja ta' liema fil-lingwa originali huwa hawn anness u markat "Dokument SAN2" u s-socjeta' esponenti tintrabat li fi stadju ulterjuri jipprezenta traduzzjoni tal-istess ghall-lingwa Ingliza) A tenur tal-artikolu 1134 tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tali cirkostanza tehles lis-socjeta intimata minn kull responsabbilta. Li kieku l-merkanzija ma gietx rilaxxjata il-konsegwenza kienet tkun il-konfiska da parti tal-awtorita kompetenti tal-istess merkanzija. Jinghad ghal kull buon fini illi tali konfiska sehhet kemm il-darba fi zmienijiet precedent kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.*

9. *Bhala konferma ta tali force majeure, jinghad ghal kull buon fini illi s-socjeta intimata kellha tiehu ammont ingenti ta flus minghand Progetra SA, is-socjeta propjetarja tal-merkanzija, u minkejja dan, ghar-ragunijiet premessi, kellha tirrilaxxja l-merkanzija li setghet taghmel tajjeb ghal dan id-dejn.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil gurament;

Rat in-noti ta'sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Thomas Schirmer** xehed permezz ta' affidavit a fol 183 et seq. illi r-relazzjoni bejn is-socjeta rikorrenti u Progestra kienet bdiet fis-sena 2002 meta s-socjeta ntimata bdiet in-negozju ta' *oil trading u transhipment* taghha. Spjega illi r-relazzjoni kummercjali li zviluppat bejniethom kienet wahda sodisfacjenti ghas-socjeta rikorrenti u dan wassal biex joghlew il-limiti koncessi minnha, in linja mal-izvilupp ta' Progestra u t-*trading patterns* taghha.

Kompla illi fl-4 ta' Jannar 2007 is-socjetajiet rikorrenti u Progestra kienu ikkonkludew *Credit Facility Agreement,* kif ukoll numru ta' kuntratti intizi bhala garanzija ghal facilita bankarja moghtija lis-socjeta ntimata, u cioe *Pledge Agreement, Assignment Agreement* u *Account Pledge.* Dan il-*Credit Facility Agreement* sar sabiex is-socjeta rikorrenti taghti facilita ta' self ta' *uncommitted* sebghin miljun dollaru American ghax-xiri ta' prodotti taz-zejt u spejjez relatati, u l-bejgh tal-istess prodotti. L-interessi tas-socjeta rikorrenti kienu garantiti billi prodotti ta' zejt mixtrija minn Progestra u ffinanzjati mis-socjeta rikorrenti jigu *pledged* lis-socjeta rikorrenti u l-qliegh minn kwalunkwe bejgh ta' prodotti ta' zejt jigu assenjati lis-socjeta rikorrenti. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti kienet stabbilit sistema ta' moniteragg tal-moviment tal-prodotti taz-zejt.

It-trasport tat-*Turkmen volumes* kien inizjalment isir minn Safinat, liema kumanija kienet maghrufa mis-socjeta rikorrenti bhala wahda mill-aqwa kumpaniji ta' transport fir-reggun *Caspian* u ghalhekk kienet giet accettata mis-socjeta rikorrenti bhala kumpanija ghat-tasport u *transhipment.* Zied illi ghall-ewwel ma kienx hemm komunikazzjoni diretta bejn is-socjetajiet kontendenti ghaliex is-socjeta rikorrenti kienet sodisfatta bl-informazzjoni li kienet qed tircievi minghand Progestra.

F'Novembru 2007 Progestra kienet qed tesperjenza problem finanzjarji u ghahekk il-gbir ta' flus u l-moniteragg tal-moviment tal-prodotti taz-zejt sar difficli hafna. Ghal din ir-raguni, is-socjeta rikorrenti accettat skema ta' transport gdida biex tipprova tizgura illi tithallas.

Barra minn hekk, is-socjeta rikorrenti talbet il-hrug ta' *storage warrants* a favur taghha. Peress illi l-organizazzjoni ta' skema ta' transport gdida kienet ser tiehu xi zmien, is-socjeta rikorrenti talbet lil Progestra biex din tara illi s-socjeta intimata tohrog *storage warrants* a favur tas-socjeta rikorrenti, u filfatt is-socjeta rikorrenti ircievet *fax* fis-27 ta' Novembru 2007 fejn is-socjeta ntimata ikkonferma il-hazna ta' 4,484 mt ta' *diesel* 50 ppm a favur tas-socjeta rikorrenti, ikkonfermat illi s-socjeta ntimata m'ghandha l-ebda drittijiet jew *lien* fuq dan id-*diesel* u ikkonfermat ukoll illi dan id-*diesel* ma jigix rilaxxat minghajr l-awtorazzazjoni ta' *fax* iffirmat minghand is-socjeta rikorrenti. Fil-25 ta' Ottubru 2008 u fl-1 ta' Frar 2008 s-socjeta ntimata talbet permess minghand is-socjeta rikorrenti biex tirrilaxxa 5,000mt *diesel* u l-permessi relattivi inghataw mis-socjeta rikorrenti fl-istess gurnata li ntalbu u fl-4 ta' Frar 2008 rispettivament.

Fil-21 ta' Marzu 2008 is-socjeta ntimata harget *storage warrant* iehor favur is-socjeta rikorrenti fejn ikkonfermat illi kienet qed izomm 1,454,645 mt *diesel* 50ppm fuq ordni tas-socjeta rikorrenti, li m'ghandha l-ebda dritt fuq dan id-*diesel* u li mhux ser tirrilaxxah minghajr il-kunsens espress tas-socjeta rikorrenti. Minhabba illi s-sitwazzjoni ta' Progestra iddeterjorat drastikament, is-socjeta rikorrenti avzat lis-socjeta ntimata u l-agenti ta' trasport ohra dwar il-*Pledge Agreement* u l-*Assignment Agreement* permezz ta' ittra datata 24 ta' April 2008. Fit-8 ta' Mejju 2008 is-socjeta rikorrenti baghtet ittra ohra biex tara kif inhi is-sitwazzjoni, u s-socjeta ntimata rrispondiet permezz ta' ittra datata 16 ta' Mejju 2008 u ghamlet pretensjoni ta' dritt fir-rigward tad-*diesel* mahzun. Meta s-socjeta rikorrenti irrispondiet illi s-socjeta ntimata kienet irrilaxxat id-*diesel* minghajr il-kunsens taghha, s-socjeta ntimata baqghat ma wiegbitx.

Is-socjeta rikorrenti ottjeniet stima minghand Platt's fir-rigward tal-valur taz-zejt in kwistjoni, mill-liema stima rrizulta illi l-prezz medju fil-21 ta' Marzu 2008, (cioe d-data meta s-socjeta ntimata irrilaxxatu minghajr kunsens), kien ta' USD 971.25 kull mt, u ghalhekk il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti f'din il-kawza hija ta' USD1,412,823.96.

Permezz tat-tieni affidavit tieghu a fol 201, Schirmer xehed illi s-socjeta rikorrenti rceviet certifikat mill-*Insolvency Office* ta' Lugano fl-Isvizzera, tar-rikkonixximent tal-kreditu

taghha u kkonferma illi s-socjeta rikorrenti ma rcevit l-ebda hlas fil-konfront ta' din il-kreditu wara d-distribuzzjoni tal-assi fil-falliment ta' Progestra SA.

Permezz ta' **affidavit ulterjuri** a fol 294 – 295 Schirmer xehed illi l-ittra datata 21 ta' April 2008 ma kienetx giet notifikata lis-socjeta rikorrenti, u li filfatt ma tinstabx fil-*files* taghha. Kompla illi l-*Credit Advice* datat 4 ta' Frar 2008 jinstab fil-*files* tas-socjeta rikorrenti u jirrigwarda l-pagament ta' spejjez ta' *transhipment* min PRogestra SA lis-socjeta ntimata, izda dan m'ghandux relevanza ghal vertenza odjerna peress illi gie maghmul fl-4 ta' Frar 2008 filwaqt illi l-i*storage warrant* inhareg fil-21 ta' Marzu 2008. Xehed ukoll illi mid-dokumenti ufficjali tal-Qorti fir-rigward tal-proceduri ta' *bankruptcy* kontra Progestra SA **jidher illi s-socjeta ntimata ma hadet l-ebda passi gudizzjarji kontra Progestra SA.**

**In kontro-ezami** a fol 298 – 310 xehed illi huwa jaf bl-esistenza tal-kuntratt ta' *forwarding* konkluz bejn is-socjeta ntimata u Progestra SA, izda qatt ma ra l-kuntratt personalment, ghalkemm ma jeskludix illi s-socjeta rikorrenti ghandha kopja tieghu. Huwa kkonferma li kien konxju li s-socjeta ntimata kienet biss *a forwarding agent.* Xehed ukoll illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx taf illi s-socjeta ntimata ma kienetx is-sid tal-*oil terminals* meta s-socjeta rikorrenti kienet ikkoncediet self lil Progestra SA. B'referenza ghall-ittra datata 21 ta' April 2008, ikkonferma illi wara tfittixija estensiva, kopja ta' din l-ittra ma nstabitx fir-*records* tas-socjeta rikorrenti. **Zied illi din l-ittra tidher differenti mill-ohrajn, fis-sens illi a kuntrarju tal-ittra kollha li ntbghatu mis-socjeta ntimata, din m'ghandiex it-timbru tal-kumpanija.**

B'referenza ghad-dokumenti li jinsabu a fol 7 – 10 tal-process xehed illi s-socjeta rikorrenti ma kellhiex id-dover li tikkonferma li rcievet l-i*storage warrant.* Xehed illi is-socjeta rikorrenti ma kienetx taf bil-fatt illi kien hemm *forwarding agent* terz li trasferixxa l-merkanzija mill-frontiera tar-Russja mal-Azerbaijan lejn Georgia. B'referenza ghall-paragrafu 14 tal-affidavit tieghu a fol 185 spjega illi s-socjeta rikorrenti kienet taf li kien hemm tliet stadji tas-servizz, u cioe *transhipment* minn and go l-*Caspian Sea, unloading* u *storage* f'Mahagkala u t-trasport lejn il-portijiet bil-ferrovija, izda kienet tircievi korrispondenza minghand is-socjeta ntimata biss. Kompla illi s-socjeta rikorrenti kienet

konxja li kien hemm *forwarding agents* ohra li kienu jkunu involuti wara s-servizz moghti mis-socjeta ntimata, u dan ghaliex kien hemm diversi drabi fejn is-socjeta rikorrenti kienet tat il-kunsens taghha sabiex il-merkanzija tigi rilaxxata u trasportat x'imkien iehor. Mistoqsi jekk il-bank kienx jaf bil-limitazzjoni legali li kien hemm ghal hazna tal-merkanzija meta sar ir-rilaxx in kwistjoni, **wiegeb li l-bank sar jaf permezz tal-ittra li tinsab ezebita a fol 8 tal-process, u li ghalhekk il-bank kien sar jaf wara li kien diga sehh ir-rilaxx.** Mistoqsi jekk is-socjeta rikorrenti pprovatx tikseb informazzjoni dwar din il-merkanzija minghand Progestra SA, wiegeb illi l-bank pprova jinvesiga izda baqa' minghajr risposta minghand Progestra SA.

**In ri-ezami** a fol 309- 310 xehed illi s-socjeta Progestra SA kienet ghaddiet minn proceduri ta' falliment **u s-socjeta rikorrenti ma kien irnexxila tiehu xejn mll-ammont dovut lilha.**

**Arthur Minasov,** Direttur tas-socjeta ntimata, xehed permezz ta' affidavit a fol 205 – 207 illi s-socjeta ntimata ma kienetx parti fil-kuntratti konkluz bejn is-socjeta rikorrenti u Progestra SA u illi s-socjeta ntimata m'ghandha l-ebda *pledge* jew *guarantee agreement* mas-socjeta rikorrenti. Spjega illli s-socjeta ntimata kienet biss *forwarding agent* ta' Progestra SA u ghalhekk ma kellhiex il-kontroll totali fuq il-merkanzija in kwistjoni, fatt illi s-socjeta rikorrent kienet pjenament konxja minnu. Kompla illi bejn is-socjetajiet kontendenti ma kien hemm l-ebda korrispondenza diretta sakemm PRogestra SA ma bdietx issofri minn problemi ta' likwidita.

Xehed ukoll illi ghalhekk is-socjeta ntimata qablet li tohrog *storage warrants,* dan qatt ma kien intiz sabiex jorbotha mas-socjeta rikorrenti, izda biss bhala strument sabiex jikkonferma lil Progestra SA illi s-socjeta ntimata m'ghandha l-ebda pretensjoni fil-konfront taghha. Pero lejn in-nofs tas-sea 2008, Progestra SA bdiet isofri problem finanzjarji, u s-socjeta ntimata kienet ukoll dovuta flus minghandha, fatt li kienet gharfet lis-socjeta rikorrenti bih. Fi-frattemp, l-Awtoritajiet kienu qed jinsistu illi l-merkanzija tigi rilaxxata mill-mahzen ghaliex iz-zmien ghall-hzien stipulate skond il-ligi kien skada, u n-nuqqas ta' rilaxx kien jirrizulta fil-konfiska tal-merkanzija. Ghalhekk, permezz ta' ittra datata 21 ta' April 2008, kienet gharfet lis-socjeta rikorrenti illi kienet obbligata tirrilaxxa din il-merkanzija. Permezz ta'

ittra ohra datata 16 ta' Mejju 2008 is-socjeta ntimata regghat informat lis-socjeta rikorrenti illi hija kienet dovuta l-flus mighand Progestra SA u li ghalhekk ma kienetx ser tirilaxxa l-merkanzija sakemm tithallas, u s-socjeta rikorrenti wiegbet billi heddet li kienet ser tiehu azzjoni legali kontra taghha. Fit-30 ta' Gunju 2008, is-socjeta ntimata regghet baghtet ittra ohra lis-socjeta rikorrenti sabiex tinformaha illi peress illi s-socjeta rikorrenti ma kienet hadet l-ebda azzjoni, il-merkanzija kellha tigi rilaxxata. Dan ir-rilaxx kien ifisser illi s-socjeta ntimata baqghat ma thallsitx l-ammont dovut lilha, pero ma kellha l-ebda ghazla hlief li tirilaxxa l-merkanzija.

**In kontro-ezami** a fol 260A-260D, Minasov kkonferma d-dokument datat 21 ta' Marzu 2008 u dak datat 16 ta' Mejju 2008 kif ukoll id-dokument datat 30 ta' Gunju 2008. Mistoqsi ghalfejn is-socjeta rikorrenti giet informata **fit-30 ta' Gunju 2008** meta l-istruzzjonijiet kienu **inghataw f'April 2008** wiegeb illi hija ligi fir-Russja, u trid tigi segwita anke jekk tkun dannuza ghal xi negozju. Mistoqsi jekk segwewx bil-pretensjonijiet taghhom kontra Progestra SA, wiegeb illi dan ghamluh u kien ghadda l-korispondenza lis-socjeta rikorrenti in adempjenza tal-garanzija finanzjarji tal-kumpanija. Xehed illi s-socjeta ntimata ma thallsitx ghal dan id-*diesel oil.* Mistoqsi x'gara mill-merkanzija wara li din giet rilaxxata wiegeb illi din intbghatet fil-port ta' Batumi u s-socjeta rikorrenti kienet giet informata dwar dan.

**Ikkonisdrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet preliminarjament illi r-rikors promotur huwa null u dan peress illi s-socjeta rikorrenti ma pprezentatx mieghu id-dokumenti kollha in sostenn tat-talba taghha. L-Artikolu 156 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta jipprovdi illi:

> *Flimkien mar-rikors ġuramentat għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba.*

F'dan il-kaz, is-socjeta rikorrenti prezentat flimkien mar-rikors guramentat taghha numru ta'dokumenti, inkluz kopja tal-i*storage warrant* mertu tal-kawza u l-ittra datata 30 ta'Gunju

2008. Ikkonsidrat il-fatt illi l-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti hija marbuta fuq l-obligazjonijiet allegatament assunti ms-socjeta ntimata fl-i*storage warrant* tal-21 ta'Marzu 2008, u r-rilaxx tal-merkanzija komunikat lilha permezz tal-ittra datata 30 ta'Gunju 2008**, huwa car illi s-socjeta rikorrenti pprezentat dawk id-dokumenti essenzjali li fuqhom hija bbazata t-talba taghha**.

Barra minn hekk, kif inhu risaput, sakemm in-nullita ta'att gudizzjarju ma tkunx espressament prevista mill-ligi, il-Qorti ghandha kemm jista'jkun tipprova ssalva att guddizzjarju, li m'ghandux jigi dikjarat null jekk kwalunkwe nuqqas jista' jigi sanat b'xi mod iehor, u jekk l-istess nuqqas ma jikkawzax pregudizzju irrimedjabbli lill-parti l-ohra. Fil-kaz odjern, mhux biss ma jirrizultax illi kien hemm xi nuqqas minn naha tas-socjeta rikorrenti, izda zgur li ma jirrizultax illi s-socjeta ntimata soffriet xi pregudizzju irrimedjabbli.

Ghalhekk din l-eccezzjoni hija nfondata u qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet permezz tat-tieni eccezzjoni taghha illi r-rikors tas-socjeta rikorrenti huwa ntempestiv ghaliex din il-kawza tista'ssir biss wara li l-bank ikun ezawrixxa l-passi kollha legali bla rizultat posittiv fir-rigward ta'Progestra SA.

Mid-dokumenti prezentati a fol 161 *et seq* tal-process jirrizulta illi Progestra SA kienet ghaddiet minn proceduri ta' falliment, f'liema proceduri s-socjeta rikorrenti kienet ippartecipat. Pero bhala *third ranking creditor,* kien hemm probabilta' kbira illi s-socjeta rikorrenti kienet ser titlef il-kreditu kollhu taghha. Filfatt dan gie kkonfermat permezz tad-dokument a fol 199 cioe' illi s-socjeta rikorrenti **ma rrikavat xejn** mill-kreditu dovut lilha fil-proceduri ta' falliment ta' Progestra SA.

Ghalhekk jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti ghamlet dak kollu li setghat biex tigbor lura il-kreditu taghha minghand Progestra SA. In segwitu tal-konkluzjoni tal-proceduri ta' falliment

tal-istess kumpanija, li ma kellix bizzejed assi sabiex tkopri id-debiti kollha taghha, is-socjeta rikorrenti ma kellha ebda mezz iehor biex tigbor lura l-kreditu taghha minghand Progestra SA. Minn dan isegwi illi r-rikors promotorju m'huwiex intempestiv u illi s-socjeta rikorrenti filfatt ezawriet ir-rimedji li kienet ragonevolment mistennija li tiehu kontra Progestra SA, liema remedju fil-proceduri ta' falliment, irrizulta ghal kollox inutili.

Ghalhekk, il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tielet eccezzjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi ma kienx hemm rahan tal-merkanzija peress illi s-socjeta ntimata ma kelliex pussess fiziku tal-merkanzija, u tali pussess huwa element essenzjali tar-rahan.

Skont l-Artikolu 1965 (1) tal-Kodici Civili jipprovdi:

> **"[i]*r-rahan ta' ħwejjeġ mobbli jiġi kostitwit bil-kunsinna lill-kreditur tal-ħaġa mogħtija b'rahan jew tad-dokument li jagħti l-jedd esklusiv li wieħed jiddisponi mill-ħaġa."***

Ghalhekk, ir-rahan in kwistjoni gie kostitwit permezz tal-ittra mibghuta mi-socjeta ntimata tal-21 ta' Marzu 2008, li fiha s-socjeta ntimata, kkonfermat li kellha fil-pussess taghha l-merkanzija in kwistjoni, li ma kellha l-ebda dritt jew *lien* fuqha, u assigurat lis-socjeta rikorrenti illi hija kienet ser izomm il-merkanzija u ma tirrilaxxahiex minghajr il-kunsens espress tas-socjeta rikorrenti.

Il-Qorti ssibha difficli taccetta l-argument tas-socjeta ntimata illi ma kienx hemm rahan peress illi hija ma kellhiex il-pussess fiziku tal-merkanzija. Din l-asserzjoni tmur kontra dak illi s-socjeta ntimata stess intimat lis-socjeta rikorrenti fl-ittra tal-21 ta'Marzu 2008, fejn assigurat lis-socjeta rikorrenti illi hija kellha fil-pussess taghha il-merkanzija in kwistjoni. Dan il-fatt ma giex ikkontestat fix-xhieda ta' Minaslov, li anzi ikkonferma illi s-socjeta

ntimata kellha fil-pussess taghha din il-merkanzija, li f'Mejju 2008 kienet qed tirrifjuta illi tirrilaxxha minhabba krediti allegatment dovuti lilha, u f'Gunju 2008 irrilaxxat l-istess minhabba l-provvedimenti tal-ligi Russa.

Ghalhekk fil-fehma ta'din il-Qorti, din hija eccezzjoni fiergha u nfondata, tinsab kontradetta anke minn provi migjuba mis-socjeta ntimata stess.

Ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni tas-societa intimata.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet ukoll illi hija ma setghax ikollha l-kontroll jew il-pussess fiziku fuq l-merkanzija stante illi hija kienet biss *forwarding agent* ta'Progestra SA.

Il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija nfondata ghaliex kienet is-societa'intimata stess li kienet assigurat lis-socjeta rikorrenti li kellha l-pussess tal-merkanzija in kwistjoni u kienet obbligat ruhha li ma tirrilaxxax din il-merkanzija minghajr il-kunsens espress tas-socjeta rikorrenti. Li kieku kellha tigi accettata din l-eccezzjoni jkun ifisser illi s-socjeta ntimata li fl-ittra taghha tal-21 ta' Marzu 2008, mizrapprezentat dak minnha ddikjarat f'din l-ittra b'negligenza, jew b'mala fede u li l-Qorti qeghda tippremja dan l-agir.

Hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi galadarba s-socjeta ntimata volontarjament u in pjena koxxjenza assigurat lis-socjeta rikorrenti li hija kellha l-pussess tal-merkanzija in kwistjoni u li ma kienetx ser tirilaxxa din il-merkanzija minghajr il-kunsens espress tas-socjeta rikorrenti, s-socjeta ntimata hija marbut b'dik l-obligazzjoni volontarjament assunta minnha.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeghda wkoll tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet ukoll illi kwalunwke kuntratt ezistenti bejn il-partijiet m'huwiex validu ghaliex huwa wiehed unilaterali, u cioe li jorbot lis-socjeta ntimata biss, u ghalhekk huwa nieqes mill-element ta' konsiderazzjoni, rekwizit essenzjali ghall-validita tal-kuntratt.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi huwa principju kostantament abbracjat fil-gurisprudenza taghna illi ftehim milhuq bejn il-partijiet ghandu jigi prezunt validu u veljanti u m'ghandhux jigi leggerment annullat.

Din l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata hija marbuta fuq il-fatt illi l-kuntratt ta' bejn il-partijiet huwa wiehed unilaterali u ghalhekk huwa invalidu skont il-ligi peress illi m'ghandux konsiderazzjoni. L-ewwel nett ghandu jinghad, kif gie osservat mis-socjeta rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, illi l-element ta' konsiderazzjoni li ghalih tirreferi is-socjeta ntimata, ma jfissirx xi tip ta' korrispettiv, izda jirreferi ghall-element tal-**causa** tal-kuntratt, li f'dan il-kaz ma jirrizulta li huwa nieqes, u filfatt ma sarx argument f'dan is-sens mis-socjeta ntimata.

Barra minn hekk, il-Qorti ma tikkondividix lanqas l-argument tas-socjeta ntimata illi kuntratti unilaterali m'humiex validi skont il-ligi Maltija. Dan jidher car mis-sentenza fl-ismijiet **Oreste Brincat vs Carmelo Falzon,** deciza fis-17 ta' Gunju 1991, fejn il-Qorti tal-Appell Kummercjali irrilevat illi:

> **"[i]l-*Kodici Civili jiddistingwi l-kuntratti bejn dawk li huma bilaterali u dawk li huma unilaterali, u fl-artikolu 1022 insibu li l-kuntratt huwa sinallagmatiku jew bilaterali meta dawk illi jikkuntrattaw jobbligaw ruhhom lejn xulxin; u l-kuntratt huwa unilaterali meta persuna wahda jew izjed jobbligaw ruhhom lejn persuna wahda jew izjed, minghajr ma jkun hemm ebda obbligazzjoni minn naha ta' dawn tal-ahhar. Din id-distinzjoni tirriferixxi ghall-kontenut tal-kuntratt, igifieri ghall-obbligazzjoni li jkun hemm fil-kuntratt, u mhux ghall-origini tal-*

> ***kuntratt, ghaliex taht dan l-aspett il-kuntratti kollha huma bilaterali, ghax il-kuntratt ma jigix perfezzjonat mill-volonta' isolata tal-persuna li tkun trid tobbliga ruha versu haddiehor, imma jinhtieg li anki l-volonta' ta' dak il-haddiehor tikkonkorri ghall-kompletament tal-kuntratt.***"

F'dan il-kaz huwa indiskuss illi s-socjeta rikorrenti kienet qed "**tikkonkorri ghall-kompletament tal-kuntratt**", u filfatt is-socjeta rikorrenti ghamlitha cara li kienet qed tiddependi fuq il-buona fede tas-socjeta ntimata sabiex ikollha garanzija effettiva illi tigi rifuza l-ammont misluf lil Progestra SA. Ghalhekk, l-origini tal-kuntratt huwa wiehed bilaterali, li gie perfezzjonat meta s-socjeta ntimata assumiet l-obbligazzjoni illi ma tirrilaxxax il-merkanzija in kwistjoni minghajr il-kunsens tas-socjeta rikorrenti u kkonfermat illi ma kellha l-ebda dritt jew *lien* fuq l-istess merkanzija, u s-socjeta rikorrenti accettat dan, filwaqt illi l-obligazzjoni tal-kuntratt hija unilaterali, konsonanti mad-dettami tal-ligi Maltija. Filfatt, fis-sentenza appena citata, il-Qorti tal-Appell semmiet il-kuntratt ta' fidejussjoni bhala ezempju ta' kuntratt unilaterali komuni li huwa validu, nonostante in-natura unilaterali tal-obbligazzjoni kontenuta f'tali kuntratt.

Ghalhekk il-Qorti tichad il-hames eccezzjoni sollevata mis-societa' intimata.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tas-sitt eccezzjoni taghha, s-socjeta ntimata eccepiet illi m'hemmx ness fattwali bejn ir-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni u l-fatt li s-socjeta rikorrenti ma thallsitx.

Kif spjegat minn Thomas Schirmer fl-affidavits tieghu, l-*istorage warrants* kienu necessarja ghas-socjeta rikorrenti sabiex tikkawtela l-kreditu dovut lilha, u dan billi tibqa' informata u jkollha kontroll fuq ic-caqliq tal-merkanzija in kwistjoni. Gara izda, illi meta s-socjeta ntimata irrilaxxat il-merkanzija in kwistjoni minhabba l-provvedimenti tal-ligi Russa, is-socjeta rikorrenti ma nghatatx pre-avviz. Is-socjeta ntimata tikkontendi illi kienet baghtet ittra biex tgharraf lis-socjeta rikorrenti b'dan izda s-socjeta rikorrenti ma wiegbitx. Il-Qorti

issibha difficli temmen din il-verzjoni, **l-ewwel nett ghaliex din l-ittra m'ghandiex it-timbru tas-socjeta ntimata bhal ma ghandhom l-ittra l-ohra kollha, u t-tieni nett ghaliex mhuwiex verosimili li s-socjeta rikorrenti, li jirrizulta li dejjem irrispondiet l-korrispondenza mibghuta lilha, kienet ser tinjorja ittra ta' importanza tant krucjali**. Ma jghinx lill-kredibbilita tas-socjeta ntimata wkoll l-eccezzjoni maghmula iktar il-fuq, fejn wara li kienet tat numru ta'assikurazzjonijiet lis-socjeta rikorrent fuq il-pussess u l-kontroll taghha tal-merkanzija in kwistjoni, imbaghad resqet eccezzjonijiet fis-sens illi hija ma kellhiex il-pussess fiziku u l-kontroll fuq il-merkanzija in kwistjoni.

Jirrizulta illi meta s-socjeta ntimata rrilaxxat din il-merkanzija ad insaputa tas-socjeta rikorrenti, is-socjeta rikorrenti tilfet l-gharfien tas-situs tal-hzien tal-merkanzija, u mill-affidavit ta'Schirmer jirrizulta illi ghalkemm ipprovaw jaghmlu kuntatt ma' Progestra SA biex jiskopru fejn kienet il-merkanzija, din ma tathom ebda twegiba. Kif tilfet l-fakolta li ssewgi l-merkanzija, s-societa' rikorrenti ma setghatx tkun taf jekk din il-merkanzija gietx mibjugha biex b'hekk tieghu dak li kien dovut lilha skont il-kuntratti konkluzi bejna u Progestra SA. Infatti eventwalment Progestra SA ghaddiet minn proceduri ta' falliment u s-socjeta rikorrenti baqghat ma thallsitx dak li kien dovut lilha.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi n-ness fattwali rikjest biex jirradika r-responsabbilita tas-socjeta ntimata gie provat mis-socjeta rikorrenti, u dan ghaliex ir-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni ad insaputa tas-socjeta rikorrenti ta lok sabiex is-socjeta rikorrenti titlef il-fakkolta li ssegwi u tiddisponi mill-merkanzija in kwistjoni, biex b'hekk Progestra SA setghat giet fil-pussess u fl-opportunita illi tiddisponi minn din il-merkanzija minn wara dahar is-socjeta rikorrenti, b'mod illi s-socjeta rikorrenti giet eluza mid-drittijiet taghha.

Huwa relevanti wkoll il-fatt illi f'Mejju 2008 is-socjeta ntimata baghtet ittra lis-socjeta rikorrenti biex tgharrafha illi l-merkanzija ma kienetx ser tigi rilaxxata ghaliex is-socjeta ntimata wkoll kienet dovuta flus minghand Progestra SA. Fl-ebda parti ta din l-ittra, ma gharrfet lis-socjeta rikorrenti illi l-merkanzija kien ser ikollha tigi rilaxxata minhabba l-provvediment tal-ligi Russa, b'mod illi s-socjeta ntimata ghamlitha impossibli ghas-socjeta rikorrenti illi tiehu dawk il-passi necessarji biex tassigura illi l-merkanzija tigi trasportata

x'imkien iehor, bit-taghrif u l-kunsens taghha, u b'mod illi tkun tista'tibqa' zzomm il-kontroll indirett li kellha fuq din il-merkanzija.

Ghalhekk din l-eccezzjoni tirrizulta nfondata u qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata eccepiet ukoll illi il-kuntratti konkluzi bejn is-socjeta rikorrenti u Progestra SA huma *res inter alios acta.*

Il-Qorti taqbel illi kwalunkwe kuntratt konkluz bejn is-socjeta rikorrenti u Progestra SA huwa *res inter alios acta* fil-konfront tas-societa intimata. Pero il-kawza odjerna m'hijiex ibbazata fuq dawn il-kuntratti, izda fuq il-kuntratt li nholoq bejn il-kontendenti permezz tal-ittra datata 21 ta' Marzu 2008 permezz ta' liema s-socjeta ntimata assigurat lis-socjeta rikorrenti li hi ma kellha l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-merkanzija u illi kienet ser izomm din il-merkanzija fuq ordni tas-socjeta rikorrenti u ma kienetx ser tirrilaxxaha minghajr il-kunsens tas-socjeta rikorrenti.

Ghalhekk din l-eccezzjoni hija nfondata u qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta ntimata finalment eccepiet illi r-rilaxx tal-merkanzija in kwistjoni kien necessarju peress illi skont il-ligi Russa ma kienx possibbli illi l-merkanzja tinhazen ghal perjodu in eccess ta' erbgha xhur, u li ghalhekk dan jammonta ghal kaz fortuwitu.

Mill-provi jirrizulta u l-Qorti hija sodisfatta, illi skont il-ligi Russa il-hazna temporanja ta' merkanzija tista' tkun sa' xahrejn, li jistghu jigu estizi biss ghal massimu totali ta' erbgha xhur. Dan jirrizulta mid-dokument ezebit a fol 248 *et seq* tal-process, fejn l-ambaxxata Russa ikkonfermat l-ezistenza u l-applikabilita ta' din il-ligi partikolari. Ghalhekk dak li jrid jigi determinat huwa jekk dan jammontax ghal kaz fortuwitu.

Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, l-kaz fortuwitu huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta' diligenza ordinarja. Huwa wkoll principju ben risaput illi il-prevedibilita trid tkun ta' probabilitajiet ragionevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.[1] Filfatt, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Air Malta plc et vs Malta International Airport plc** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016:

> "**[i]***n tema ta' forza magguri, fir-rigward tad-difiza tal-kaz fortuwitu, il-gurisprudenza hi cara fis-sens li huwa ritenut li meta l-akkadut ilmentat ikun konsegwenza ta' azzjoni jew ommissjoni tal-bniedem, din il-linja difensjonali ma tistax tirnexxi*."

Kif intqal fis-sentenza **Raymond vs Busuttil:**

> ***"biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, jrid ikun hemm event li ma jiddependix*** [sic] ***mill-fatt tad-debitur, event imprevedibbli u inevitabbli. Ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita' jew imprevedibilita' ta' l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza tal-bonus pater familias."***[2]

Fis-sentenza **Compunet Limited vs B.A.S. Limited** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Gunju 2010 gie rrilevat illi:

> "(…)"***quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria ommissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione ed ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed***

[1] Vide per ezempju Vol. XXIV p.I, pg. 172; Vol XLVIII p.I, pg. 258.
[2] Kollez. Vol. XXXI.I.554, citata fis-sentenza **Emanuel Ellul vs Victor Custo noe et noe,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 3 ta' Ottubru 2002.

***anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto"*** *("Publio Azzopardi –vsAntonio Arcicovich et" A.K - 14 ta' Novembru 1919; "Bezzina –vs Grech et", K - 7 ta' Gunju 1938; Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt" - P.A. - 17 ta' Mejju 1902; "Micallef noe –vs- Gasan nomine" K. - 20 ta' Jannar, 1930).*"

Imbaghad, fis-sentenza fl-ismijiet **John Mary Sammut vs Emanuel Fenech** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Ottubru 2003 intqal illi:

"**[j]*ekk id-depozitarju jinvoka l-kaz fortuwitu bhala motiv ta' l-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata, l-prova tal-kaz fortwitu hija mixhuta fuqu - Vol 37 p1 p 440. Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias - Vol 37 p 2 p 638.*"**

Kif ukoll, gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Limited et** deciza mill-Qorti tal-Appell 24 ta' April 2015 illi:

"**[p]*ersuna ma tistax semplicement tistrieh fuq il-kaz fortuwitu, jew forza magguri jew stat ta' necessita' biex tiskolpa ruhha mill-htija meta tezisti l-kolpa antecedenti'*.** *(Ara decizjonijiet ta' danni minn arma tan-nar waqt kacca Raymond Sammut vs Anthony Micallef deciza fit-3 ta' Ottubru, 2008 (817/1999/1) PA – Imhallef G. Valenzia, u Carmela Fenech pro et noe vs Antonio Galea deciza fl-24 ta' Mejju 1954 mill - Qorti ta' l-Appell, u s-sentenza fl-ismijiet Mikiel Refalo pro et noe vs*

*Pawlu Curmi deciza fit-13 ta' Jannar 1988 deciza mill-Qorti ta' l-Appell.*"

Fil-kaz odjern is-socjeta ntimata qed tikkampa d-difiza taghha permezz ta' din l-eccezzjoni fuq il-fatt illi ir-rilaxx tal-merkanzija minn naha taghha kellhu jsir bilfors, minhabba l-ligi Russa, peress illi kien skada il-perjodu massimu ta' erbgha xhur li fihom tista' tinhazen temporanjament merkanzija skont il-ligi Russa u ghalhekk li kieku din il-merkanzija ma gietx rilaxxata kienet soggetta illi tigi maqbuda mill-Awtoritajiet Russi.

Il-Qorti pero ma tistghax taccetta l-argument illi dan il-provvediment tal-ligi Russa kien imprevedibbli ghas-socjeta ntimata. L-ewwel nett, kif xehed fl-affidavit tieghu, s-socjeta ntimata **hija wahda mill-aqwa kumpaniji fil-qasam taghha fir-regjun tal-bahar *Caspian***. Difficli ghalhekk illi l-Qorti taccetta illi s-socjeta ntimata ma kienex taf bil-fatt illi l-ligi Russa kienet tippermetti l-hazna ta' merkanzija ghal massimu ta' erbgha xhur biss. Inoltre, anke li kieku stess kien minnu li s-socjeta ntimata ma kienetx taf, l-incident kollu setgha jigi evitat li kieku is-socjeta ntimata uzat il-prudenza u d-diligenza tal-*bonus pater familias* u indigat rigward il-ligijiet relattivi ghal hazna tal-merkanzija fil-post fejn din il-merkanzija kienet mahzuna, u hadet passi konkreti sabiex tevita l-akkadut. Ghal din il-Qorti huwa relevanti ferm il-fatt illi xahar biss qabel ma kellha tigi rilaxx mandatarju tal-merkanzija, is-socjeta ntimata kienet baghtet ittra lis-socjeta rikorrenti sabiex tinformaha illi kienet qed tirrifjuta li tirrilaxxa l-merkanzija minhabba li hi wkoll kienet dovuta l-flus minghand Progestra SA, **minghajr** ma semmiet il-fatt illi din il-merkanzija ma setghax tibqa' tigi mahzuna fl-istess post ghal aktar minn xahar ulterjuri. B'dan il-mod, is-socjeta ntimata ghamlitha impossibli ghas-socjeta rikorrenti li tiehu l-passi necessarji sabiex tkun tista' tigarantixxi l-kreditu taghha.

Huwa car illi l-akkadut kien ghal kollox prevedibbli u evitabbli, u kien biss sforz in-nuqqasijiet tas-socjeta ntimata, li naqqset milli tagixxi bil-prudenza u diligenza ta' *bonus pater familias,* li l-merkanzija giet rilaxxata a skapitu tas-socjeta rikorrenti. Ghalhekk din l-eccezzjoni tas-socjeta ntimata qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Fid-dawl ta' dak illi l-Qorti sabet iktar il-fuq, tqis illi s-socjeta rikorrenti irnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi s-socjeta ntimata hija responsabbli ghad-danni kkawzati lilha meta rrilaxxat il-merkanzija in kwistjoni minghajr il-kunsens espress tas-socjeta rikorrenti.

Fir-rigward tal-kwantum, il-Qorti taghraf illi s-socjeta ntimta ma kkontestatx il-valur msemmi minn Schirmer fl-affidavit tieghu, u cioe is-somma ta' USD1,412,823.96, u ghalhekk fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, din is-somma tirrizulta korretta u dovuta. Dan l-ammont huwa ekwivalenti ghas-somma ta' €911,499.33.[3]

Fir-rigward tal-imghax, il-Qorti tqis pero illi l-imghax ma jistghx jibda jiddekorri minn Gunju 2008 kif pretiz mis-socjeta rikorrenti, galadarba l-ammont dovut jirrapprezenta danni li gew likwidati permezz ta' din is-sentenza. Ghalhekk l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta ntimata, tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u:

Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' l-attrici in kwantu l-istess konvenuta ivvjolat u naqset mill-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha meta irrilaxxjat il-prodott petroliferu minghajr l-istruzzjonijiet u il-kunsens bil-miktub minn qabel, tal-attur nomine permezz ta' fax iffirmat u konsegwentement irrendiet ruhha responsabbli ghad-danni;

[3] Skont ir-rata ta kambju f'Marzu 2008, li kienet 1.55 dollaru amerikan ghal kull ewro.

Tillikwida d-danni hekk kawzati fl-ammont ta'disa' mija u hdax -il elf, erbgha mija u disghin u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€911,499.33), u tikkundanna lill-istess socjeta ntimata thallas lill-attur nomine is-somma hekk likwidata ta' disa' mija u hdax -il elf, erbgha mija u disghin u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€911,499.33), tilqa r-raba talba parzjalment fis-sens l-imghax kummercjali jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta ntimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**